

## DEĊIJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Diċembru 2012

**li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/24 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u li tirriżulta minn titoli mixtrija taħt il-programm tas-swieq tat-titoli**

(BĊE/2012/33)

(2013/32/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/24 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u li tirriżulta minn titoli mixtrija taħt il-programm tas-swieq tat-titoli<sup>(1)</sup> tistipula kif il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiddistribwixxi lill-BĊNi: (a) l-introjtu minn karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni dovut għal kull sena finanzjarja; u (b) l-introjtu tiegħu li jirriżulta minn titoli mixtrija taħt il-programm tas-swieq tat-titoli (SMP – securities markets programme) u li jkun qala' fkull sena finanzjarja.
- (2) Huwa meqjus neċċessarju illi d-dati għad-distribuzzjoni interim tal-introjtu tal-BĊE minn karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni jiġu allinjati ma' dawk għad-distribuzzjoni tal-introjtu tal-BĊE li jirriżulta minn titoli tal-SMP. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kunsill Governattiv, il-BĊE għandu jiddistribwixxi dawn iż-żewġ tipi ta' introjtu fl-aħħar jum ta' xogħol fJannar tas-sena ta' wara. Dan jagħti lill-BĊE żmien biżżejjed biex jiddetermina l-ammont ta' introjtu li jkun qala' minn titoli tal-SMP.
- (3) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/24 għandha għalhekk tīgi emen-data kif meħtieġ,

**Artikolu 1**

**Emenda**

L-Artikolu 2(2) sa (4) huwa mibdul b'dan li ġej:

“2. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kunsill Governattiv, il-BĊE għandu jiddistribwixxi lill-BĊNi l-introjtu tiegħu dovut minn karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u l-introjtu tiegħu li jirriżulta minn titoli tal-SMP li jkun qala' fkull sena finanzjarja fl-aħħar jum ta' xogħol fJannar tas-sena ta' wara.

3. L-ammont tad-dħul tal-BĊE fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni jista' jitnaqqas b'mod konformi ma' deċiżjoni mill-Kunsill Governattiv fuq il-bażi tal-Istatut tas-SEBĊ firrigward tal-ispejjeż imġarrba mill-BĊE b'rabta mal-ħruġ u l-ipproċessar ta' karti tal-flus tal-euro.”.

**Artikolu 2**

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2012.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Diċembru 2012.

*Il-President tal-BĊE  
Mario DRAGHI*

<sup>(1)</sup> ĠU L 6, 11.1.2011, p. 35.